

# Dun Manwel: L-ewwel Saċerdot Monsinjur fil-Qrendi

*John Buttigieg*

Kellu jkun proprju f'għeluq l-400 sena minn meta l-Qrendi sar parroċċa li l-Arċisqof Mons. Charles J Scicluna jaħtar lill-Professur Dun Emmanuel Agius Monsinjur tal-Kapitlu tal-Katidral tal-Imdina, u l-ewwel saċerdot mill-Qrendi b'dan it-titlu. Il-ħatra saret waqt pontifikal immexxi mill-istess Arċisqof Scicluna fil-Katidral tal-Imdina, nhar il-Ħadd 28 ta' Jannar 2018.

Ir-Reverendu Monsinjur u Professur Emmanuel Agius twieled il-Qrendi fl-1954. Studja l-Filosofija u t-Teoloġija fl-Università ta' Malta minn fejn ġie ordnat saċerdot fil-11 ta' Lulju 1981. Kompla bl-istudji tiegħu fl-Università Kattolika ta' Leuven, il-Belġju minn fejn kiseb il-*Masters* fil-Filosofija u wara l-S.Th.D. Monsinjur Agius kompla bir-riċerka post-dottorali fil-qasam tal-bijoetika fl-Università Ġermaniża ta' Tübingen bħala membru tal-Alexander-von-Humboldt Stiftung, bħala *Fulbright Scholar* fl-Università ta' Georgetown f'Washington D.C. u fl-Università ta' Notre Dame, f'Indiana, l-Istati Uniti.



Monsinjur Agius huwa d-Dekan tal-Fakultà tat-Teoloġija fl-Università ta' Malta u Professur tat-Teoloġija Morali u l-Filosofija Etika fl-istess Università. Hu wkoll il-Kap tad-Dipartiment tat-Teoloġija Morali u l-Filosofija Etika fi ħdan il-Fakultà tat-Teologija, membru tal-Grupp Ewropew għall-Etika, ix-Xjenza u t-Teknoloġiji Ġodda (EGE) u membru tal-Akkademja Pontifiċja għall-Ħajja. Monsinjur Agius kien membru attiv għal ħafna snin fil-Kumitat Nazzjonali Konsultattiv tal-Bijoetika, u koordinatur tal-Programm Ewro-Mediterranju fuq id-Djalogu Inter-Kulturali, id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Programm għall-Ġenerazzjonijiet Futuri, li kellu s-sapport tal-UNESCO.

Fl-2014 Monsinjur Agius ingħata Ġieħ il-Qrendi flimkien mal-mibki Dr Ġużè Cassar mill-Kunsill Lokali tal-Qrendi bħala rikonoxximent għall-ħidma li għamel u għadu jagħmel sew fuq livell lokali, bil-ħidma pastorali tiegħu fost il-Qrendin, kif ukoll fuq livell nazzjonali u internazzjonali.

Monsinjur Agius huwa punt ta' riferiment għall-Qrendin kollha. Ir-rabta tiegħu mar-raħal mhix biss waħda naturali, minħabba t-twelid u trobbija tiegħu fiha, imma hija wkoll estensjoni ta' mġiba ta' persuna li filwaqt li tħallat ma' nies u kulturi differenti ma nesa' qatt l-għeruq tiegħu. F'kelma waħda t-titlu li l-Arċisqof Scicluna tah aktar kmieni din is-sena jista' jinftiehem biss jekk nassoċjawh intrisikament mas-sejħa ewlenija tiegħu, dik li jagħmel kollox għall-akbar glorja ta' Alla u l-ġid tal-bnedmin.

Ad Multos Annos



